MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 331/2005

Dr. Peter Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera J.P. Morgan Invest LLC
vs
Dr. Vincent Galea u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tat-3 ta' Mejju 2005 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` Web Investments Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha ppremetta:

Illi, is-socjeta` konvenuta kienet kumpanija barranija registrata gewwa suite 41/42, Victoria House, 26, Main Street, Gibraltar b'indirizz tan-negozju mnizzel bhala 34, Cathedral Street, Sliema, Malta, kienet fethet *trading account* mal-attur nomine f'Settembru 2004, u dan sabiex tinnegozja f'qasam maghruf bhala *trading in options* u ghal dan in-negozju kienet nghatat kreditu mill-attur nomine;

Illi, skond dak miftiehem bejn il-partijiet l-attur nomine kellu l-fakolta` sabiex isejjah *margin call* (sejha ghad-depositu immedjat), hekk kif il-bilanci nizlu taht il-livell accettabbli tan-negozju;

Illi, fit-12 ta’ Novembru 2004, l-attur nomine kien uzufruwixxa mill-fakolta` tal-*margin call* u kien sejjah lis-socjeta` konvenuta sabiex minnufih u mhux aktar tard minn dakinhar tiddepozita aktar flus *fit- trading account* taghha jew issarraf il-garanziji moghtija;

Illi, is-socjeta` konvenuta permezz ta’ 1-*authorised trader* fl-istess gurnata tat-12 ta’ Novembru 2004 kienet ikkonfermat li sat-Tnejn 15 ta’ Novembru 2004 tkun iddepozitat flus fit-*trading account;*

Illi, dawn il-flus ma kienux gew iddepozitati la fil-15 ta’ Novembru 2004 u lanqas wara, l-attur nomine kien ghalaq *it-trading account* tas-socjeta` konvenuta *(closed positions in account),* u s-socjeta` konvenuta kienet baqghet debitrici fl-ammont ta’ erba’ mija u tmienja w erbghin elf sitt mija u disgha u tmenin punt ghoxrin dollaru Amerikan (USD448,689.20), oltre interessi u spejjes wara li kien ittiehed in konsiderazzjoni l-uniku pagament sabiex jitnaqqas id-debitu liema pagament kien ammonta ghal tmenin elf dollaru Amerikan (USD 80,000);

Illi, s-socjeta` konvenuta permezz tan-nies li fethu t-*trading account* kienu accettaw li Web Investments Limited kellha thallas dan l-ammont lill-attur nomine, biss minkejja l-ftehim dwar il-modalita` ta’ hlas effettwat hlas wiehed biss (ftehim anness mac-citazzjoni);

Illi, l-attur nomine kien intavola sekwestru bin-numru 523/2005 ghal dan l-ammont u ammonti ohra dovuti lis-socjeta` J.P. Morgan Invest LLC, u kien jirrizulta li nqabad l-ammont ta’ ftit anqas minn mitejn elf dollari Amerikani f’kont gewwa l-SparkasseBank Malta;

L-attur nomine talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Web Investments Ltd hija debitrici ta’ J.P. Morgan Invest LLC fl-ammont ta’ erba’ mija u tmienja w erbghin elf sitt mija w disgha w tmenin punt ghoxrin dollaru Amerikan (USD 448,689.20), li bir-rata ta’ kambju tad-data tal-prezentata tac-citazzjoni [LM 1 = USD 3.01531 l-ammont dovut f’Liri Maltin huwa dak ta’ mija u tmienja u erbghin elf u tmien mija u erba’ Liri Maltin u sbatax-il centezmu (LM 148, 804.17);

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta’ erba’ mija u tmienja w erbghin elf sitt mija w disgha w tmenin punt ghoxrin dollaru Amerikan (USD448,689.20), li bir-rata ta’ kambju tad-data tal-prezentata tac-citazzjoni [LM 1 = USD 3.0153] l-ammont dovut f’Liri Maltin huwa mija u tmienja u erbghin elf u tmien mill u erba’ Liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm148,804.17).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tas-sekwestru numru 523/2005, u l-interessi legali mit-12 ta Novembru 2004 kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur nomine fosthom is-Settlement Agreement fol 6 sa 13.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eccepew:

1. Illi huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk kienu rriservaw id-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-kuraturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Peter Fenech li fiha ssemma li hu jirrapresenta s-socjeta` JP Morgan Invest LLC, registrata gewwa Delaware l-America bl-indirizz One Beacon Street, Boston, li hija ***brokerage firm*** li tinnegozja f'diversi ***options***. Din taghti l-fakulta` lill-***authorised traders*** sabiex jixtru ***in option*** ishma jew ***bonds*** f'kumpaniji, u dan minghajr ma attwalment johorgu l-flus, izda sempliciment biss jirregistrahom bhala ***option*** taghhom u mbaghad skond is-swieq internazzjonali jew jixtruhom jew jirrilaxxaw 1-***option*** taghhom. Is-socjeta` J.P. Morgan Invest LLC taghti kreditu lil dawk il-kumpaniji li huma awtorizzati jinnegozjaw f'dan il-qasam skond l-investiment kapitali li huma jgibu 'l quddiem, u li f'dan il-kaz kien jammonta ghal zewg miljuni u erba' mitt elf dollaru Amerikan (USD 2,400,000), bil-patt u l-kundizzjoni li hi zzomm il-fakulta` li taghmel ***margin call***, (sejha ghal depositu immedjat fll-kont) jew ***closure of positions in account***. Is-socjeta` J.P. Morgan LLC ghamlet sejha ghal depozitu immedjat fit-12 ta' Novembru 2004 minhabba li l-bilanc fil-kont kien nizel ghall-ammont inaccettabbli, sejha li saret telefonikament u hija rekordjata, u l-***authorised trader*** ta' Web Investment Limited ipprometta li sal-15 ta' Novembru 2004 kellu jiddepozita l-ammont ta' miljun dollaru Amerikan (USD 1,000,000). Dan l-ammont ma giex depozitat u fil-15 ta' Novembru 2004 J.P. Morgan Invest LLC ghalqu l-kont imsemmi u illikwidawh. Sussegwentement kien hemm diversi diskussjonijiet mal-persuni li dehru ghas-socjeta` konvenuta u anki gie ffirmat dokument li fih kien hemm ammissjoni tal-ammont dovut. Fl-istess ftehim kien hemm qbil dwar modalita` ta' pagamenti mensili biss wara l-ewwel wiehed l-attur nomine ma rceviex iehor u ghalhekk intilef il-beneficcju tat-terminu moghti lilhom. Sussegwentement ghad-diskussjonijiet, saru diversi tfixxijiet ghall-kontijiet li possibilment kellha l-kumpanja konvenuta u minn sekwestru gewwa Malta sar maghruf li l-kumpanija kellha ftit inqas minn mija u tmenin elf dollaru Amerikan gewwa bank sitwat Malta.

Gie prezentat affidavit ta' Thomas F. Hollenbeck ***Vice President of Compliance u Chief Compliance Officer*** ta' J.P. Morgan Invest LLC li fih issemma li fih semma li J P Morgan Limited hija ***brokerage firm.*** F'Settembru 2004 giet mitluba li tiftah ***trading account*** fuq Web Investments Limited. Ikkonferma Dok A esibit bhala l-ftehim. Semma li l-Web kellha business address f'34 Cathedral Street, Sliema u kellha Bank Account 2003794 ma' Sparkasse Bank Malta. Semma li d-Direttur ta' Web kienet Marta E. Esquivel u ta d-dettalji finanzjarji dwarha. Sostna li kien hemm material ***misrepresentations and falsehoods*** li saru jafu bihom wara. Dawn waslu ghal ***significant margin debt.*** Fit-12 ta' Novembru, 2004 saret ***margin call.*** Spicca li fis-27 ta' Novembru 2004 kien hemm nuqqas ta' $448689.20 oltr imghax bit-8% u ***attorneys fees*** li baqghu ma thallsux. Sar ***settlement agreement*** (fol 158) izda kull ma sar hlas kien ta' $80000.

Gie prezentat affidavit ta' Ronald J. Scios impjegat ma' J.P. Morgan Invest LLC li fih issemma li hu kien responsabbli ghal certu Mr. Courtney li fit-12 ta' Novembru 2004 kien tkellem ma' Scott Walker. Hu pprezenta t-traskrizzjonijiet tat-telefonati li kienu gew registrati u traskritti.

Gie prezentat affidavit ta' Brian Cunniff impjegat ma' J.P. Morgan Invest LLC li fih issemma li fil-kors tad-doveri tieghu mas-socjeta` msemmija hu kien tkellem ma' Scott Walker. Skond kif inhu l-***protocol*** tas-socjeta` impjegat ma' J.P. Morgan Invest LLC il-konverzazzjonijiet gew registrati. Walker kien qallu li kellu nkwiet minhabba CMG u Web accounts u qallu li hafna flus kienu dovuti lil J.P. Morgan. Ix-xhud staqsa lil Walker jekk setax jibghat il-flus sa certu gurnata u rrisponda fl-affermattiv. Fit-12 ta' Novembru 2004 Walker kellem lix-xhud u qallu li ghamel xi tranzazzjonijiet izda meta x-xhud ivverifika sab li dan ma kienx minnu.

Gie prezentat affidavit ta' Phyllis Lovelock impjegata ma' J.P. Morgan Invest LLC li fih issemma li fil-kors tad-doveri taghha x-xhud tkellmet ma' Scott Walker fuq ***account***

jismu Web Investments Ltd u fuq ***account*** iehor jismu Covenant Management Group Inc. u dan qalilha li kienu ser jittrasferixxu xi fondi fuq dawn iz-zewg ***accounts.*** Il-konverzazzjonijiet taghhom kienu gew registrati u traskritti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Vincent Galea bhala kuratur li fiha semma li l-Kuraturi Deputati ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz.

Rat l-ittra (fol 221) ta' Dr. Mark Chetcuti indirizzata lil Dr. Galea li fiha infurmah li Web Investments Limited ma ghadx ghandha indirizz registrat f'dak l-ufficju (34 Catherdral Street, Sliema) u li dak l-ufficju ma ghad ghandu ebda konnessjoni ma' dik il-kumpanija.

Rat li fid-19 ta' Jannar 2006 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Frar, 2006 izda fit-22 ta' Frar 2006 Dr. Galea talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza minhabba provi li xtaq jaghmel. Rat illi fit-23 ta' Frar 2006 il-Qorti laqghet it-talba ta' Dr Galea b'dan li l-provi kollha jsiru fl-10 ta' April, 2006 u li Dr. Galea ghandu jipprezenta l-affidavits b'dokumenti u korrispondenza kollha sas-27 ta' Marzu 2006.

Rat li fit-30 ta' Marzu, 2006 Dr. Galea pprezenta nota b'dokumenti izda li fil-parti l-kbira taghhom dawn mhux dokumenti ffirmati kif ukoll l-affidavit imsemmi mhux mahluf u ffirmat. Rat il-verbal tal-lum minn fejn irrizulta li Dr. Galea xtaq jipprezenta ***fax copy*** tal-affidavit ta' Kenneth Brown li la hu ***shareholder***, ***beneficial owner***, direttur jew ufficjal ta' Web Investments Limited.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata mill-attur nomine stante li s-socjeta` konvenuta, kumpanija barranija registrata gewwa Gibilta` kienet fethet ***trading account*** ma' l-attur nomine f'Settembru 2004. L-attur nomine sostna li ghal dan in-negozju li kellu jsir, is-socjeta` konvenuta nghatat kreditu mill-attur nomine u skond il-ftehim bejn il-partijiet, l-attur kellu l-fakolta` sabiex jaghmel sejha ghad-depozitu immedjat meta l-bilanc f'dan it-***trading account*** ikunu

nizlu taht il-livell accettabbli tan-negozju. L-attur nomine sostna li ghandu jithallas is-somma ta’ erba’ mija u tmienja u erbghin elf sitt mija u disgha u tmenin punt ghoxrin dollaru Amerikan (USD 448,689.20), peress li l-flus baqghu ma gewx iddepozitati mis-socjeta` konvenuta. Illi fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet, il-kuraturi deputati eccepew li huma mhumiex edotti mill-fatti. In segwitu ipprezentaw diversi dokumenti.

Irrizulta mill-provi, li l-ftehim bejn il-partijiet, kien li jekk il-kumpanija J.P. Morgan ma tircevix il-pagamenti kollha hekk kif miftehma u mweghda minn Walker, Home, Brown, u Web Investment Ltd., il-kumpanija J.P. Morgan ikollha l-fakulta` li tipprocedi b’kawza gudizzjarja (a fol 6-13). Illi rrizulta mix-xhieda ta’ Thomas F. Hollenbeck li wara li saret investigazzjoni tal-fatti u c-cirkostanza li wasslu ghat-telf monetarju, instab li d-dokumenti esebiti a fol 51 sa 96 kien fihom certa falsifikazzjonijiet.

Illi eventwalment irrizulta mill-***accounts*** li l-bilanc fil-kont kien nizel hafna fil-livell u ghalhekk kellha ssir sejha ghal depozitu immedjat. F'dan il-kuntest, ta’ min isemmi li d-domanda li saret minn J.P. Morgan lil Walker biex jigu depozitati l-flus minn C.M.G. u Web Investments Ltd. giet irrekordjata bit-telefon. Dawn huma esebit fil-process, (a fol 141 sa 154).

Minn dawn jirrizulta li dan il-persuna Walker wieghed li fil-15 ta’ Novembru 2004 il-kumpanija Web u C.M.G. ghandhom jiddepozitaw il-flus fit-***trading account*** (a fol 148). Izda, wara li ghaddiet id-data tal-15 ta’ Novembru 2004 u l-ebda fondi ma gew depozitati f’dan it-***trading account***, J.P. Morgan ghalqet il-kont in kwistjoni. Illi gie sostniet mill-attur nomine li ghalhekk, is-socjeta` konvenuta ghandha thallas l-ammont ta’ erba’ mija u tmienja u erbghin elf sitt mija u disgha u tmenin punt ghoxrin dollaru Amerikan (USD 448, 689.20), liema somma hija ekwivalenti, bir-rata tal-kambju tad-data tal-prezentata tac-citazzjoni, ghal dak ta’ mija u tmienja u erbghin elf u tmien mitt u erba Liri Maltin u sbatax-il centezmu (LM148,804.17).

Din l-evidenza giet ikkonfermata wkoll minn persuni ohra, impjegati ta' J.P. Morgan, fosthom Brian Cunniff li kien huwa nnifsu li tkellem ma' Walker fid-diskursati telefonici li gew irrekordjati. Illi rrizulta mix-xhieda ta' Cunniff, li Walker kien ammetta li kien inqabad f'diffikultajiet fir-rigward ta' dan it-***trading account*** u li kien ipprometta li dawn il-fondi jigu depozitati.

Sussegwentement, il-kuratur nominat f'din il-kawza, Dr. Vincent Galea baghat korrispondenza lil Web Investments Ltd. fl-indirizz, f'Gibilta`, u giet esibita l-korrispondenza.

Illi l-attur nomine jippretendi li jithallas l-ammont ta' mija u tmienja u erbghin elf u tmien mitt u erba' Liri Maltin u sbatax-il centezmu. (LM148,804.17) hekk kif jirrizulta li gie mwieghed tat-telfien finanzjarju li garrab wara li nghalaq it-***trading account***. Illi l-attur nomine ghamel il-provi tieghu a sodisfazzjoni tal-Qorti filwaqt li min-naha tas-socjeta` Web Investments Limited dak li gie sostnut mill-attur nomine ma giex validament oppost. Illi konsegwentement, ghar-ragunijiet fuq premessi, it-talba ta' l-attur nomine ghandha tintlaqa'.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jidher li t-talba ta' l-attur nomine hija gustifikata u ma hemm ebda lok ghaliex ma tigix milqugha, u wara li ghar-ragunijiet fuq imsemmija cahdet l-eccezzonijiet tal-kuratur, il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' mija u tmienja u erbghin elf u tmien mija u erba' Liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm148, 804.17).

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta b'dan li provizorjament iridu jithallsu l-ispejjez tal-kuraturi mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------